# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 365/2025/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**André Gové**

Illum it-tlieta (3) ta' Ġunju 2025

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellat **André Gové**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 0277990(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli fil-Gżejjer Maltin u/jew barra minn dawn il-Gżejjer bejn nhar l-ewwel (1) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022) u l-ewwel (1) ta' April tas-sena elfejn u ħamsa u għoxrin (2025), b'diversi atti magħmulin, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi jew dispożizzjonijiet relatati tal-liġi u li jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. bil-ħsieb li jagħmel xi qliegħ li jkun, għen, assista, ta parir jew ħabrek biex persuna oħra tidħol jew tagħmel tentattiv biex tidħol jew toħroġ jew tgħaddi minn jew tagħmel tentattiv biex tgħaddi minn jew tagħmel tentattiv biex toħroġ minn Malta bi ksur tal-liġijiet ta' Malta, jew li, sew f'Malta sew barra minn Malta, ikkonġra f'dak is-sens ma' xi persuna oħra meta l-għadd ta' persuni mgħejjuna, assistiti, mogħtija parir, li jkun sar tħabrik dwarhom, jew il-mira tal-konġura kif imsemmi qabel kien aktar minn tlieta;

2. fl-istess żmien, lok, u ċirkostanżi sabiex kiseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddiehor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorità pubblika, xjentement għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew provda tagħrif falz;

3. fl-istess żmien, lok u ċirkostanżi għen jew assista lil xi persuna biex tinżel l-art jew tittanta tinżel l-art f'Malta, jew li qagħad ġewwa Malta, kontra d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, jew lil xi persuna biex tinżel l-art jew tittanta tinżel l-art, jew li toqgħod ġewwa jew li titlaq minn xi Stat ieħor bi ksur tal-liġi dwar id-dħul, ir-residenza u l-ħruġ ta' dak l-Istat, jew taħbi jew tagħti kenn lil xi persuna li tkun taf, jew ikollha tassew għax taħseb, li tkun qiegħda f'Malta kontra d-dispożizzjonijiet ta' l-Att dwar l-Immigrazzjoni;

4. fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi, dwar xi informazzjoni li għandha tiġi mogħtija skont jew għall-finijiet tal-Att dwar l-Immigrazzjoni, ta jew ġiegħel li jingħata xi prospett falz, dikjarazzjoni falza jew tagħrif ta' fatti foloz.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex, kemm-il darba tinstab ħtija għar-reati kollha jew uħud minnhom, minbarra li tinfliġġi l-pieni skont il-liġi, tħaddem id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 532A u/jew 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-25 ta' April 2025, fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 188 u 337A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u Artikoli

32(1)(a) u (c) tal-Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u kkunannatu għall-ħlas ta' multa ta' sebgħa u għoxrin elf Euro (€27,000).

Rat ir-Rikors tal-appellant Avukat Ġenerali ppreżentat fit-30 ta' April 2025 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha tikkonferma s-sentenza appellata inkwantu sabet ħtija fl-imputat għar-reati relattivi iżda tirrevokaha inkwantu l-piena erogata, u minflok, timponi piena li tirrispekkja aħjar in-natura tar-reati li dwarhom ġiet irreġistrata ammissjoni."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellat eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fil-25 ta' April 2025.

Illi fl-uniku aggravju mressaq mill-appellant Avukat Ġenerali fir-Rikors tal-appell tiegħu, l-appellant jisħaq li l-piena erogata mill-Ewwel Qorti fil-konfront tal-appellat hija eċċessivament imtaffija. Huwa jissottometti li ġialadarba tkun saret ammissjoni minn persuna akkużata, din l-ammissjoni għandha titqies bħala l-aqwa prova ta' ħtija tal-persuna akkużata għar-reati li jkun ġie mixli bihom u dana mingħajr il-ħtieġa li jiġu prodotti provi sabiex isostnu l-imputazzjonijiet in kwistjoni. Huwa jirreferi għal dak li l-appellat ġie misjub ħati tiegħu mill-Ewwel Qorti u jisħaq li r-reat prinċipali addebitat lill-appellat allura imputat huwa r-reat ta' *migrant smuggling* li jemani minn Artikolu 337A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta b'dan illi jsostni li f'dan il-każ għandu japplika l-*proviso* tal-Artikolu msemmi u b'hekk l-Ewwel Qorti kellha teroga piena ta' priġunerija ta' bejn tmintax-il xahar sa tnax-il sena, jew il-

multa, jew il-priġunerija u l-multa flimkien. Huwa jagħmel riferenza għal ġurisprudenza u jgħid li r-reat ravviżat f'Artikolu 337A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jfittex li jħares persuni vulnerabbli milli jinqabdu fix-xibka ta' min jagħmel wegħdiet fiergħa li jista' jikseb għalihom impiegi leġittimi jew permessi jew trasport irregolari sabiex jiġu f'Malta, bir-riżultat inevitabbli li dawn il-persuni ta' mezzi limitati jħallsu flejjes konsiderevoli. Jargumenta li f'dan il-każ l-appellat allura imputat fittex li jqarraq mhux biss bit-*third country nationals* iżda anke bil-mezzi adoperati mill-Istat sabiex jara li kull min hu preżenti f'Malta li jeħtieġ permess sabiex ikun hekk preżenti, ikollu tali permess. Jgħid li huwa dan l-aġir li proprju jikkostitwixxi l-imminar tas-sigurta' tal-Istat għaliex jaf faċilment iwassal għal sitwazzjoni fejn għexieren ikunu preżenti illegalment u qatt ma javviċinaw lill-awtoritajiet għaliex jibżgħu li jiffaċċjaw il-konsegwenzi li tipprospetta l-liġi.Jgħid li peress li Malta hija Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, dawn ir-reati jipperikolaw is-sigurta' ta' Stati Membri oħra għar-raġuni li permessi mogħtija mill-awtoritajiet Maltin jafu jnisslu libertà ta' moviment fiż-żona Schengen (skont it-tip ta' permess), bir-riżultat li persuna jkollha liberta' ta' moviment li jkun ibbażat fuq il-qerq. L-appellant jagħmel riferenza għal numru ta' sentenzi u jagħmel riferenza wkoll għall-piena li ġiet erogata mill-Qorti.

Illi dwar l-aggravju in eżami din il-Qorti tibda billi tinnota li huwa stabbilit b'mod kopjuż fil-ġurisprudenza nostrana illi bħala regola qorti ta' revizjoni ma tirrimpjazzax il-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti b'dik li kieku hija – ċioè din il-Qorti – kienet tagħti f'dawk iċ-ċirkostanzi, kemm-il darba ma jkunx jirriżulta li l-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti kienet b'xi mod "*wrong in principle*" jew "*manifestly excessive*". Dan ingħad, fost l-oħrajn, fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fil-25 ta' Awwissu 2005 fil-kawża fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum et** (Numru 9/2004).

Illi stabbilit dan ta' hawn fuq ikun opportun li din il-Qorti tinnota li mill-verbal tas-seduta miżmuma quddiem l-Ewwel Qorti fil-25 ta' April 2025 (*a fol.* 5 *et seq.*) (ċioè dakinhar li l-appellat allura imputat tressaq taħt arrest quddiem il-Qorti msemmija) jirriżulta li

l-appellat allura imputat (li kien debitament assistit minn avukat) irreġistra l-ammissjoni ta' ħtija tiegħu fir-rigward tal-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tiegħu u huwa kkonferma l-ammissjoni tiegħu wara li kkonferma li kellu żmien biżżejjed sabiex jerġa' jaħsibha. Dakinhar stess l-Ewwel Qorti tat is-sentenza tagħha li dwarha ġie mressaq l-appell mill-appellant Avukat Ġenerali li huwa l-mertu tas-sentenza tallum.

Illi mis-sottomissjonijiet bil-fomm li nstemgħu quddiem din il-Qorti jirriżulta li l-konsulent legali tal-appellat saħaq li quddiem l-Ewwel Qorti, il-Prosekuzzjoni u d-difiża qablu dwar il-piena li kellha tingħata fil-konfront tal-appellat, b'dan illi l-piena li eventwalment ġiet mogħtija mill-Ewwel Qorti fil-konfront tal-appellat kienet ftit aktar minn dik maqbula. Dwar dan din il-Qorti tinnota li fl-atti proċesswali ma hemm xejn x'juriha li effettivament kien hemm xi qbil bejn il-Prosekuzzjoni u d-difiża dwar il-piena li kellu jingħata l-appellat. Din il-Qorti mhijiex qed tgħid li dak li qal il-konsulent legali tal-appellat dwar il-piena maqbula mhuwiex minnu pero' qed tgħid li fl-atti proċesswali ma hemm xejn li juri dan.

Illi minkejja dak li ngħad fil-paragrafu preċedenti, din il-Qorti hija tal-fehma li jkun opportun li tagħmel riferenza għal pieni li jemerġu mill-imputazzjonijiet li tagħhom l-appellat allura imputat instab ħati tagħhom mill-Ewwel Qorti b'dan illi:

- Fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni ossia dik li temani minn Artikolu 337A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, is-sub-Artikolu msemmi jgħid hekk:

  > "Kull min bil-ħsieb li jagħmel xi qliegħ li jkun, jgħin, jassisti, jagħti parir jew iħabrek biex persuna oħra tidħol jew tagħmel tentattiv biex tidħol jew toħroġ jew tgħaddi minn jew tagħmel tentattiv biex tgħaddi minn jew tagħmel tentattiv biex toħroġ minn Malta bi ksur tal-liġijiet ta' Malta, jew li, sew f'Malta sew barra minn Malta, jikkonġura f'dak is-sens ma' xi persuna oħra jista', mingħajr

preġudizzju għal kull piena oħra taħt dan il-Kodiċi jew taħt xi liġi oħra, jeħel il-piena ta' priġunerija minn sitt xhur sa ħames snin jew multa ta' tlieta u għoxrin elf mitejn u tlieta u disgħin euro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (€23,293.73) jew dik il-multa u priġunerija flimkien u d-dispożizzjonijiet tal-artikoli 21 u 28A u dawk tal-Att dwar il-*Probation* ma jkunux japplikaw:

Iżda meta l-għadd ta' persuni mgħejjuna, assistiti, mogħtija parir, li jkun sar tħabrik dwarhom, jew il-mira tal-konġura kif imsemmi qabel ikun ta' aktar minn tlieta, il-piena għandha tiżdied bi grad wieħed sa tliet gradi:

[…]."

- Fir-rigward tat-tieni (2) imputazzjoni ossia dik li temani minn Artikolu 188(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, is-sub--Artikolu msemmi jaqra hekk:

"Kull min, sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorità pubblika, xjentement jagħmel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew jagħti tagħrif falz, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sentejn jew multa:

Iżda ebda ħaġa f'dan l-artikolu ma tolqot l-applikabbiltà ta' xi liġi oħra li tipprovdi għal piena ogħla."

- Fir-rigward tat-tielet (3) u tar-raba' (4) imputazzjoni ossia dawk li jemanu minn Artikoli 32(1)(a) u 32(1)(c) tal-Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta' Malta rispettivament, l-Artikolu msemmi jgħid hekk:

"Kull persuna li –

(a) tgħin jew tassisti lil xi persuna biex tinżel l-art jew tittanta tinżel l-art f'Malta, jew li toqgħod ġewwa Malta, kontra d-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, jew lil xi persuna biex tinżel l-art jew tittanta tinżel l-art, jew li toqgħod ġewwa, jew li titlaq minn xi Stat ieħor bi ksur tal-liġi dwar id-dħul, ir-residenza u l-ħruġ ta' dak l-Istat, jew taħbi jew tagħti kenn lil xi persuna li tkun taf, jew ikollha tassew għax taħseb, li tkun qiegħda f'Malta kontra d-disposizzjonijiet ta' dan l-Att; jew

(b) […]

(c) dwar xi informazzjoni li għandha tiġi mogħtija skont jew għall-finijiet ta' dan l-Att, tagħti jew iġġiegħel li jingħata xi prospett falz, dikjarazzjoni falza jew tagħrif ta' fatti foloz;

[…]

tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinsab ħatja mill-Qorti tal-Maġistrati, multa ta' mhux iżjed minn ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (11,646.87) jew priġunerija għal żmien ta' mhux aktar minn sentejn jew dik il-multa u priġunerija flimkien, kemm-il darba mhix stabbilita għal dak ir-reat piena akbar b'liġi oħra:

[…]."

Illi minn dan t'hawn fuq jirriżulta ben ċar li l-piena ta' multa ta' sebgħa u għoxrin elf Euro (€27,000) li ġiet erogata mill-Ewwel Qorti fil-konfront tal-appellat allura imputat hija fil-parametri tal-liġi b'dan illi filwaqt li din il-Qorti tinnota li dak li ngħad mill-Avukat Ġenerali fir-Rikors tal-appell tiegħu jagħmel sens, pero' fl-

istess waqt ma jistax ma jingħadx li l-paraguni huma odjużi u dana meta kull każ għandu l-fattispecie tiegħu. Fil-każ li għandha quddiemha din il-Qorti jirriżulta li l-appellat allura imputat irreġistra ammissjoni mal-ewwel opportunita' li huwa kellu quddiem l-Ewwel Qorti u dana apparti l-fatt li l-fedina penali tal-istess appellat hija waħda kompletament nadifa.

Illi meħud in konsiderazzjoni tal-piena għall-imputazzjonijiet li tagħhom l-appellat allura imputat instab ħati tagħhom mill-Ewwel Qorti u meħud in konsiderazzjoni wkoll dak li ngħad hawn fuq fir-rigward tal-aggravju in eżami, din il-Qorti tinnota li l-piena erogata mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata taqa' sewwa sew fil-parametri tal-liġi u ma hemm xejn x'jiġri ċensurat fiha. Għaldaqstant l-aggravju in eżami qed jiġi miċħud.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant Avukat Ġenerali u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**